# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 11**

**Citazzjoni numru 1810/01 AF**

**Paul Muscat**

**v.**

**Rita Cassar mart Victor Cassar u l-istess Victor Cassar ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

Preliminari;

Illi dan huwa appell ad istanza tal-attur mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Jannar 2012, li permezz tieghu qed jitlob lil din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza fejn jirrigwardja l-likwidazzjoni tas-servigi resi lill-istess attur mill-appellata Rita Cassar; ghall-ahjar intendiment din is-sentenza qed tigi riprodotta:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni ta' Paul Muscat fejn dan, wara li ppremetta illi:

"L-attur kien ta prokura lill-konvenuta Rita Cassar sabiex hija, ghannom tieghu, setghet issarraf ic-cekkijiet tal-pensjoni tieghu, wahda tal-Gvern Ingliz ammontanti ghal Lm35.54 (hamsa u tletin Lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) fil-gimgha, u ohra tal-Gvern ammontanti ghal Lm200 (mitejn Lira Maltin) kull erba' gimghat.

"Wara li jissarrfu ic-cekkijiet, il-konvenut Victor Cassar kien jaghti xi haga minn dawn il-flus lill-attur, circa Lm80 (tmenin Lira Maltin) kull erba' gimghat, u l-konvenuta Rita Cassar kellha tiddepozita l-bilanc f'kont fil-bank.

"Waqt il-perjodu li fiha kienet fis-sehh il-prokura, il-konvenuta, permezz ta' 'cashlink card' mahruga f'isem l-attur b'mod abbuziv u illegali kienet tigbed flus l-attur mill-kont imsemmi.

"L-attur issa irtira l-prokura msemmija lill-konvenuta Rita Cassar, u wara li ghamel hekk kien talab l-istess bank sabiex jinformah dwar il-bilanc li kellu fil-kont u huwa gie informat li fil-kont kien hemm biss Lm70 (sebghin Lira Maltin).

"Mill-kalkoli li ghamel il-konvenut irrizultalu illi l-ammont li suppost kien hemm fil-bank huwa ferm aktar minn Lm70 (sebghin Lira Maltin).

"Matul il-perjodu li fih il-konvenuti kienu jiffrekwentaw id-dar tal-attur naqsu mill-istess dar Lm2700 (elfejn u seba' mitt Lira Maltin), u l-konvenuta kienet informatu li dawn il-flus hadithom hi u gew depozitati l-bank.

"L-attur talab lill-konvenuta Rita Cassar ghal rendikont dettaljat ta' dak kollu li ghamlet bi flusu, u sabiex tirrifondilu dak li jispetta lilu, izda hija baqghet inadempjenti.

"Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"Tikkundanna lill-konvenuta Rita Cassar sabiex fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, hija taghti lill-attur, rendikont dettaljat u sodisfacenti ta' dak kollu li ghamlet bi flus l-attur, liema flus hija kienet tamministra bis-sahha tal-prokura li kien ta l-istess attur, occorrendo taht supervizjoni ta' perit nominandi, u dan in vista tal-fatti li ser jirrizultaw fil-kors ta' din il-kawza.

"Tikkundannahom sabiex jirrifondu lill-attur kwalunkwe somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti occorrendo bil-hatra ta' periti nominandi, liema somma flus, il-konvenuta Rita Cassar, irceviet abbuzivament u illegalment peress illi ma kinitx awtorizzata taghmel dan.

“Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-konvenuti, ingunti minn issa in subizzjoni.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Rita Cassar u zewgha Victor Cassar, li in forza taghha eccepew illi:

“Preliminarjament, it-talbiet attrici huma msejsa fuq il-prokura moghtija mill-attur lill-konvenuta Rita Cassar, ma’ liema prokura, il-konvenut Victor Cassar ma kellu x’jaqsam assolutament xejn, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi m’huwiex minnu illi l-konvenuta Rita Cassar irceviet xi flus proprjeta’ tal-attur abbuzivament u illegalment.

“Il-konvenuti qeghdin jipprevalixxu ruhhom mill-proceduri gudizzjarji odjerni istitwiti mill-attur sabiex iressqu ‘l quddiem il-kontro-talbiet taghhom.

“Rat il-kontro-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti Rita Cassar u zewgha Victor Cassar ghal kull interess li jista’ jkollu, fejn dawn, wara li ppremettew illi:

“Il-konvenuta rikonvenzjonanti Rita Cassar, matul is-snin irrendiet servigi u ipprestat diversi servizzi lill-attur rikonvenzjonat Paul Muscat, u kienet tnaddaflu, issajjarlu, izzuru u ddur bih u dan anke fiz-zmien meta hadd mill-qraba tieghu ma kien izuru u l-uniku wild tieghu, Louis Muscat, kien jghix l-Ingilterra.

“Il-konvenuta rikonvenzjonanti Rita Cassar tippretendi hlas ghal dawn is-servigi prestati u servizzi rezi.

“Ghalhekk qed jigu mressqa ‘l quddiem dawn il-kontro-talbiet.

“Talab l-attur rikonvenzjonat jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“Tiddikjara illi l-konvenuta rikonvenzjonanti Rita Cassar irrendiet servizzi u pprestat servigi lill-attur rikonvenzjonat Paul Muscat;

“Tiddikjara illi l-attur rikonvenzjonat Paul Muscat huwa responsabbli ghall-hlas tal-kumpens dovut lill-konvenuta rikonvenzjonanti Rita Cassar ghas-servizzi minnha lilu rezi u s-servigi minnha lilu prestati;

“Tillikwida l-kumpens dovut lill-konvenuta rikonvenzjonanti Rita Cassar mill-attur rikonvenzjonat Paul Muscat ghas-servizzi minnha lilu rezi u s-servigi minnha lilu prestati;

“Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat Paul Muscat sabiex ihallas lill-konvenuta rikonvenzjonanti Rita Cassar dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti l-kumpens minnu dovut lill-istess konvenuta rikonvenzjonanti Rita Cassar ghas-servizzi minnha lilu rezi u s-servigi minnha lilu prestati.

“Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-attur rikonvenzjonat Paul Muscat, minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

“Rat in-nota’ tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat Paul Muscat ghall-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti, li permezz taghha eccepixxa illi:

“Huwa jaqbel illi Rita Cassar, matul iz-zmien, irrendietlu servigi u pprestatlu servizzi u ma jsib ebda oggezzjoni li tithallas ta’ dan, pero’ wara li hija taghtih rendikont tal-amministrazzjoni taghha tal-beni tieghu, u thallsu kull ammont li hadet minn ghandu abbuzivament.

“Rat id-dokumenti.

“Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistenti Gudizzjarji.

“Rat l-atti kollha tal-kawza.

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

“L-attur f’din il-kawza huwa anzjan li, ghal hafna zmien, kellu problemi serji ta’ mobilita’ li rrendewh f’bzonn kbir ta’ assistenza fl-isferi kollha tal-hajja tieghu. Il-konvenuta ghamlet zmien tirrendilu servigi li kienu jkopru ukoll xi transazzjonijiet finanzjarji. Issa, huwa qed jitlob minghandha, rendikont ta’ flus li jsostni fdalha sabiex tamministralu u tirrifondi lilu flus li jsostni li hija zammet abbuzivament. Il-konvenuta, li tichad li zammet ghandha xi flus, min-naha taghha, permezz tal-kontro talba, qed titlob kumpens ghas-servigi minnha rezi lill-attur. Min-naha tieghu, huwa jammetti li hija fil-fatt irrendiet servigi u huwa dispost jikkumpensaha.

“Il-Qorti tibda biex tiddikjara illi mill-provi prodotti, ma jirrizulta minn imkien li Victor Cassar, zewg Rita Cassar il-konvenuta, kellu xi sehem fir-relazzjonijiet ta’ bejn martu u Paul Muscat l-attur. Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda minn issa, tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Cassar u tillibera lill-istess Victor Cassar mill-osservanza tal-gudizzju.

“<u>Talba</u>

“Il-Qorti tibda biex tirreferi ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza “Bugeja v. Meilak” (deciza mill-Imhallef T. Mallia fit-3 ta’ Ottubru 2003):

> "*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kritrju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*"

"Jirrizulta mill-provi, partikolarment mix-xhieda tal-istess konvenuta illi l-attur kien inkariga lill-konvenuta permezz ta' prokura redatta min-Nutar Wadge. In forza ta' din il-prokura, il-konvenuta fethet kont fil-Bank ghan-nom tieghu u fih iddepozitat xi flus tieghu. Minn dan il-kont, hija kienet tigbed flus bil-card "Cashlink" li kien izomm l-istess attur u jaghtihielha meta jinkarigaha tigbed il-flus. Hija kienet tohrog l-ammonti li kien jitlobha l-attur. Dan ix-xenarju, il-Qorti tqis li ma jammontax ghall-amministrazzjoni formalizzata. Ma jirrizulta minn imkien li l-istess konvenuta qatt hadet minn jeddha xi decizjoni dwar fondi tal-attur. Kif tixhed l-attrici:

> "*Nghid li kien iddepozita xi flus f'dan l-account. Il-card kien jaghtihieli biex niddepozitalu u nigbidlu l-flus li kellu bzonn. Huwa kien jghidli biex nigbidlu certu ammonti ta' flus. Huwa kien dejjem jghidli biex lil tal-familja tieghu ma ried ihallilhom xejn. L-ammonti li jiena kont nigbed mill-bank kienu regolari u l-ammonti kienu jkunu ta' madwar Lm50; Lm100 jew Lm150, ezatt jiena ma niftakarx is-somma, biss kienu regolari.*
>
> "*Kull darba li talabni li nigborlu l-flus, jiena kont immur. Kont naghtihomlu u mbaghad ma nafx x'kien jaghmel bihom.*"

"Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ma jfissirx li kienet hi li tamministra l-fondi. Il-Qorti ma gietx konvinta bl-ebda mod li qatt iddepozitat jew sarrfet flus minghajr talba specifika minghand l-attur. Anzi, dokumenti bankarji kollha jikkonfermaw li mill-bank, il-flus dejjem inhargu permezz ta' ATM.

"Sahansitra, meta kienet tixtrilu dak li kellu bzonn, kien jaghtiha flus kontanti biex thallas.

> "*Jiena, in fatti, kont naghti l-flus lill-attur fil-prezenza ta' Lawrence ghaliex dan l-istess Lawrence kien imur tlett darbiet kuljum sabiex jaqdih.*"

"Galadarba, ghalhekk, din il-Qorti tqis li fil-fatt ma kienx hemm amministrazzjoni, t-talba biex il-konvenuta taghti rendikont m'hijiex misthoqqa u m'hijiex qed tigi milqugha.

"It-tieni talba tal-attur hija ghar-rifuzjoni ta' fondi li l-attur isostni li l-konvenuta rceviet abbuzivament. Ma ngabet lill-Qorti ebda prova konvincenti ta' dan. L-attur isostni li huwa kien sorpriz li fil-kont bankarju tieghu kien baqa' biss ammont zghir ta' flus. Dwar dan, il-konvenuta ressqet diversi xhieda li kkonfermaw illi l-istess attur kien jilghab il-flus, kemm permezz ta' loghob organizzat legalment bhal-Lottu u Super 5, kif ukoll loghob klandestin fuq football u sports. Xhieda prodotti ukoll ikkonfermaw illi kien hemm okkazjonijiet fejn kellu ukoll jiddejjen.

"Minbarra dan, jirrizulta ukoll mill-provi prodotti, kemm mix-xhieda tal-istess konvenuta, kif ukoll ta' terzi illi l-attur kien jonfoq ammonti ta' flus konsiderevoli fuq xirjiet ta' ikel peress illi kien ihobb jiekol hafna ikel u ta' kwalita' gholja. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis li lanqas it-tieni talba tal-attur ma giet pruvata ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti.

"<u>Kontro talba</u>

"Ir-risposta guramentata tal-attur ghall-kontrotalba, effettivament tikkostitwixxi ammissjoni. Inoltre, ingabu diversi provi minn terzi persuni li Rita Cassar tassew kienet ghall-perjodu ta' tlett snin tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tal-attur. Kienet issajjarlu minn zewg sa tlett ikliet kuljum, tahsillu hwejgu, tixtrilu u tmur il-Bank biex tiddepozita u tigbed fondi mill-kont tieghu. Ix-xhieda tal-konvenuta fir-rigward hija kkorroborata bix-xhieda ta' diversi terzi persuni.

"Ghar-rigward tal-quantum ta' kumpens dovut, kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "Vassallo v. Aquilina" (29 ta' Gunju 1982), il-fatturi li jeffettwaw il-kalkolu tal-kumpens jinkludu l-frekwenza u x-xorta tas-servigi, il-mezzi finanzjarji ta' min ibbenefika mis-servigi u parentela (ara ukoll "Cutajar v. Vella", 6 ta' April 1982; u "Buhagiar v. Mifsud", 1 ta' Frar 1983).

"Fil-kaz in ezami, Paul Muscat kien kwazi immobilitat ghal kollox. Ma kienx jiccaqlaq hlief ghal xi pass jew tnejn. ghalhekk, is-servigi rezi kienu ta' bilfors ta' certu konsistenza. Kienu jirrikjedu impenn konsiderevoli minn Rita Cassar li huwa pruvat li uriet dan l-impenn li, wara kollox, ibbenefikat minnu persuna li ma kienet ta' ebda parantela maghha. Ma ngabet ebda prova lill-Qorti dwar xi proprjeta' jista' ghandu Paul Muscat, galadarba l-introjtu tieghu, illum naqas konsiderevolment ghaliex jinsab rikoverat f'home. Ghalhekk, il-Qorti tqis li l-ammont ta' tmint elef Ewro (€8,000) huwa gustifikat. Ma ngabet ebda prova li Victor Cassar irrenda xi servigi.

"Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tillibera lil Victor Cassar mill-osservanza tal-gudizzju, tichad it-talbiet ta' Paul Muscat ghaliex mhux pruvati u tiddeciedi l-kontrotalba billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li Rita Cassar ipprestat servigi lil Paul Muscat; tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li Paul Muscat ghandu jikkumpensa lil Rita Cassar

> ghas-servigi minnha rezi; tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-kumpens dovut fl-ammont ta' tmint elef Ewro (€8,000); tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lil Paul Muscat ihallas l-ammont ta' tmint elef Ewro (€8,000) lil Rita Cassar.
>
> "L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha minn Paul Muscat".

Kif jidher allura din is-sentenza cahdet it-talba attrici izda laqghet il-kontro talba tal-konvenuta u l-appell tal-attur sar biss fir-rigward tal-istess kontro talba – kwindi ghall-kumplament taghha, is-sentenza ghaddiet in gudikat. L-appellati talbu l-konferma tas-sentenza fir-risposta taghhom.

Il-Qorti ghalhekk, rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell u ikkonsidrat;

**AGGRAVJU**

Illi kif gia` gie indikat l-aggravju huwa wiehed u cioe` li l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti bhala kumpens ghas-servigi resi mill-appellata Rita Cassar kien eccessiv, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Permezz ta' dan l-aggravju allura l-appellant isostni li ma sarx apprezzament tajjeb mill-ewwel Qorti tal-provi migbura quddiemha fir-rigward tas-servigi resi u anke tal-mezzi tieghu. Ghandu jinghad mill-ewwel li ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-

Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil**, Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001); u **Frendo v. Agius** (1 ta' Frar 2008); "*Qabel xejn ghandu jigi mill-gdid rilevat li din il-Qorti hija ggwidata bil-principju, ormai ben assodat, li bhala Qorti ta' revizjoni, hija bhala regola m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun ghamlet tal-provi migbura minnha stess. Din il-Qorti normalment tkun inklinata li tiddisturba l-apprezzament tal-fatt li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun sodisfatta li huwa b'dan il-mod biss li hija tkun tista' tikkoregi ingustizzja manifesta*".

Madankollu huwa minnu wkoll li "*Din il-Qorti pero` f'kull kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". (**Attard et v. Direttur tas-Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014**).

Fuq il-materja tal-**likwidazzjoni** ta' servigi resi hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna wiehed jista' jiccita per ezempju;

> "*Huwa stabbilit li din l-azzjoni tistrieh fuq zewg sisien; jigifieri l-kwazi kuntratt u fuq il-presunzjoni li min jaghti servizz lill-haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta' dak li jaghmel. Minbarra hekk ilu zmien twil accettat illi l-hlas tas-servigi jista jkun dovut mhux biss* ***jure actionis*** *jigifieri meta huwa miftiehem izda ukoll* ***officio judicis*** *jigifieri meta mic-cirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jithallas tieghu jew kien imwieghed hlas ghalih*". (**Guzeppi Borg v. Emanuel Azzopardi – Prim'Awla 19 ta' Mejju 2005**).

Dwar il-kumpens kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Catania v. Agius – 11 ta' Dicembru 2003**, "*wiehed jista' jsib illi l-kumpens akkordat qatt ma jkun f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet u anke ghaliex it-talba ghal hlas ta' servigi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Delicata v. Saliba*** *deciza fit-22 ta' Mejju 1989, hija ibbazata fuq kwazi kuntratt u mhux fuq kuntratt .... u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni*

*diversi fatturi ohra li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi resi u l-hlas*".

Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat v. Giuseppe Brincat et** (29 ta' Novembru 2013) il-Qorti qalet hekk:

> "*Wiehed jinnota li l-Ewwel Qorti ikkalkolat l-ammont dovut ghas servigi prestati lill-omm l-attrici fuq ammont (70 euro fil-gimgha) li kien certament jeccedi l-paga minima ghaz zmien in kwistjoni u certament li ghal dawn it-tip ta' kawzi eccessiv. Dan l-ammont kien jikkostitwixxi l-paga minima zmien ferm wara; dan minghajr ma wiehed jikkonstata li kif qalet tajjeb is-sentenza* ***Catania v. Agius (supra)*** *wiehed ma jistax jillikwida l-kumpens a bazi ta' salarji prevalenti fiz-zmien in kwistjoni ghaliex ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet mhijiex wahda kuntrattwali izda kwazi kuntrattwali – il-fatt f'dik il-kawza, ghal servigi resi bejn is-snin* <u>*1975 u 1993*</u> *gew ikkakolati bil-hames liri (11.65 euros) fil-gimgha.*
>
> "*Ghalhekk f'dan il-kaz peress li jidher mill-provi li l-appellata kienet tghix mal-genituri taghha il-Qorti jidrilha li ghandha tibbaza l-kalkolazjoni taghha fuq is somma ta' 15 euro fil-gimgha bhala medja ghall perjodu in kwistjoni ...*"

Hemm ukoll il-kwistjoni tal-assi tal-persuna li lilha tkun saret l-assistenza; fil-kawza fl-ismijiet **Alfrida Calleja v. Annie Sultana et** (**11 ta' Jannar 2010**), il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet fl-ahhar parti tas-sentenza; "*Hawn il-Qorti, apparti konsiderazzjonijiet ohra, hadet in konsiderazzjoni l-assi tal-mejta li ma kienux jammontaw ghal wisq*". Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti jidrilha li l-ammont likwidat mill-Qorti jidher ftit jew wisq eccessiv mad-daqqa t'ghajn; aktar minn hekk pero` s-somma giet akkordata minghajr indikazzjoni fuq liema bazi l-istess Qorti waslet ghal dik ic-cifra.

Mill-provi jirrizulta anke mid-deposizzjoni tal-appellata li l-attur kien jippercepixxi biss pensjoni ta' cirka Lm320 fix-xahar (kompriz il-pensjoni ingliza) u jirrizulta wkoll li fl-ahhar parti ta' hajtu kien residenti St Vincent de Paul. Ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti jidrilha li ghandha tibbaza l-likwidazzjoni tal-ammont pagabbli fic-cifra ta' 20 euros fil-gimgha; dan jammonta allura ghal 6,240 euros ghall-perjodu imsemmi ta' sitt snin.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqghu u tnaqqas is-somma pagabbli lill-konvenuta fis-somma ta' 6,240 euros u tikkonferma s-sentenza appellata ghal kumplament, kompriz il-kap tal-ispejjez; l-ispejjez ta' dawn il-proceduri tal-appell ikunu tlett kwarti a kariku tal-atturi appellanti u kwart ghall-appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb